# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Awissu, 2002 .

### Citazzjoni numru : 73/2001G1(PC)

L-avukat Dottor Michael Grech fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' Paul Elliot .

VS

Robin Askwith .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta :

Illi skond kitba privata ffirmata mill-partijiet f'Marzu jew April tas-sena elfejn (2000) il-partijiet wara li rrevokaw kitbiet ohra antecedenti maghmula bejniethom, qablu li l-konvenut kien debitur fil-konfront ta' l-attur nomine fis-somma ta' mitt elf lira sterlina (GBP 100,000) u dan a saldu ta' prestazzjonijiet ta' flus li kienu saru precedentement lilu mill-istess attur nomine (dok. A) .

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet anki permezz ta' ittra ufficjali l-konvenut naqas li jhallas dan id-debitu .

Illi fil-fehma ta' l-attur nomine dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'iqanqal ghat-talbiet li qed isirulu u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap. 12 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili .

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur ta' l-attur nomine fis-somma f'liri Maltin ekwivalenti ghal mitt elf lira sterlina (GBP 100,000) fit-termini tal-kitba fuq imsemmija .

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine din is-somma flimkien ma' l-imghaxijiet legali b'effett mill-ahhar ta' April tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Gunju, 2001 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 36/01 fl-istess ismijiet .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine, debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Dr. Michael Grech .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, cioe' bhala dokument "A", kopja ta' l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet f'Marzu jew April tas-sena elfejn, u bhala dokument "B" l-affidavit ta' l-istess attur nomine mahluf skond il-ligi .

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Robin Askwith li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi qabel xejn Dottor Michael Grech irid jipprova l-mandat illi huwa jallega li ghandu minghand Paul Elliott u fin-nuqqas, l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, dan il-gudizzju mhux integru u l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi r-relazzjonijiet guridici bejn il-kontendenti jinvolvu wkoll lil Linda Elliott, illi mhix parti f'din il-kawza ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma ingustifikati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine ;

4. Qabel xejn, ma jirrizultax id-data preciza meta giet iffirmata l-allegata skrittura illi qed isservi ta' bazi ghal din l-azzjoni, u in-nuqqas ta' din id-data preciza jirrendi dik l-iskrittura nulla u bla ebda effett legali .

5. Illi lanqas jirrizulta jekk dik l-iskrittura gietx iffirmata jew le miz-zewg partijiet kontestwalment u jekk, f'kaz negattiv, il-kunsens ta' kull wiehed miz-zewg partijiet kienx jikkoezisti fil-mument illi l-parti l-ohra iffirmat l-iskrittura .

6. Illi l-fehma bejn l-esponenti u Paul Elliott ma kienx jistipula hlas ta' interessi, u ghalhekk it-talba tal-attur ghall-hlas tal-interessi b'effett mill-ahhar ta' April 2000 hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda . Dan jirrizulta car mill-artikolu 1130 tal-Kodici Civili .

7. Fit-tieni lok, fil-mument li fih gie ffirmat bejn il-kontendenti, qatt ma kien il-hsieb taghhom illi Elliott seta' jitlob il-hlas tal-ammont stabbilit f'dik l-iskrittura immedjatament, izda ghall-kuntrarju l-intiza, u l-intenzjoni reciproka kienet illi l-esponenti ihallas l-ammont stabbilit kif u meta huwa jkun f'pozizzjoni illi jhallas . Ai termini tal-artikolu 1077 u 1078 tal-Kodici Civili dan ifisser illi l-esponenti kellu il-fakolta' li jhallas l-ammont stabbilit fi zmien sentejn mid-data tal-iskrittura jekk kemm-il darba ma jiddekorrux interessi fuq l-ammont dovut, u fi zmien sitt snin jekk is-somma kellha tinghata bl-imghax . Ghalhekk fi kwalunkwe kaz, din il-kawza odjerna hija intempestiva u l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati kollha mill-attur nomine .

8. Fit-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, tajjeb illi jinghad illi dik l-iskrittura kienet il-frott u rizultat ta' negozju kumpless bejn il-partijiet illi kien jinvolvi intestiment inizjali da parti ta' Elliott fid-dar 141, Triq il-Ghajn, Fontana, proprjeta' ta' Robin Askwith . Sussegwentement Elliott biddel fehemtu u ried illi jillikwida l-investiment tieghu f'hin meta is-suq tal-proprjeta' f'Malta kien ferm batut u meta Robin Askwith ried illi jzomm din il-proprjeta' u mhux jillikwidaha . Kien hawn hekk, u sabiex jigi evitat inkomodu kbir ghal Elliott illi Askwith hareg bl-idea illi issir skrittura illi bis-sahha taghha sehem Elliott jigi stabbilit u huwa jkun jista jhallsu fi zmien ragjonevoli . Ma huwiex ragjonevoli illi Elliott issa jippretendi l-hlas lura ta' somma ingenti ta' mitt elf lira sterlina f'daqqa u minghajr ma jistenna li Askwith ikun f'pozizzjoni illi jhallsu minghajr tbatija zejda .

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu kkonfermata bil-gurament .

Rat ukoll id-dokumenti l-ohra annessi ma' l-atti processwali .

Rat il-verbal tat-8 ta' Awissu 2002 li permezz tieghu Dr. Michael Grech nomine ddikjara li huwa accetta l-proposta maghmula mill-konvenut, fis-sens illi :

l. Il-konvenut jammetti t-talba kif proposta, b'dana li jkollu terminu ta' sena mil-lum sabiex ihallas l-istess ;

2. Ghandu jiddekorri imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena b'effett minn l-ewwel ta' April tas-sena elfejn ;

3. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut .

Il-partijiet permezz ta' dak il-verbal talbu wkoll li tinghata sentenza fis-sens ta' dan l-arrangament .

Il-Qorti ghal hekk u in vista ta' dan il-verbal tat-8 ta' Awissu, tas-sena elfejn u tnejn, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut Robin Askwith sabiex ihallas lill-attur is-somma ndikata fic-citazzjoni, u cioe' s-somma ta' mitt elf lira inglizi illi bir-rata korrenti jgibu fi flus maltin is-somma ta' erbgha u sittin elf, seba' mija u tnejn u disghin liri maltin [Lm64792], (GBP 100,000 divide by 1.5434 = Lm64792) .

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma bl-imghaxijiet fuq l-istess somma bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena, li jibdew jiddekorru b'effett minn l-ewwel ta' April tas-sena elfejn u tnejn . Il-konvenut ikollu terminu ta' sena b'effett mit-8 ta' Awissu, sena elfejn u tnejn, sabiex isir il-hlas, u l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S7301G1(Pc)
1023